Nru./No. 20,939
Prezz/Price
€2.16

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 11 ta' Ottubru, 2022
Tuesday, 11th October, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 14,037 - 14,045
Government Notices ..... *14,037 - 14,045*

Avviżi lill-Baħħara ..... 14,045 - 14,047
Notices to Mariners ..... *14,045 - 14,047*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 14,047 - 14,049
Employment Opportunities ..... *14,047 - 14,049*

Avviżi tal-Gvern ..... 14,049 - 14,052
Notices ..... *14,049 - 14,052*

Offerti ..... 14,052 - 14,058
Tenders ..... *14,052 - 14,058*

Avviżi tal-Qorti ..... 14,058 - 14,080
Court Notices ..... *14,058 - 14,080*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1381

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 21 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Il-11 ta' Ottubru, 2022

Nru. 1382

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikat fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,934 tal-4 ta' Ottubru, 2022 (Avviż Legali 242) u Nru. 20,937 tas-7 ta' Ottubru, 2022 (Avviżi Legali 243 sa 244), rispettivament.

A.L. 242 tal-2022: Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Drittijiet għad-Depożitu ta' Kull Skart u Radam.

A.L. 243 tal-2022: Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma.

A.L. 244 tal-2022: Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku (Emenda Nru 2).

Il-11 ta' Ottubru, 2022

Nru. 1383

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

GOVERNMENT NOTICES

No. 1381

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 21 entitled the Animal Welfare (Amendment) Act, 2022.

11th October, 2022

No. 1382

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 20,934 of 4th October, 2022 (Legal Notice 242) and No. 20,937 of 7th October, 2022 (Legal Notices 243 to 244), respectively.

L.N. 242 of 2022: Environment Protection Act (Cap. 549); Deposit of Wastes and Rubble (Fees)(Amendment) Regulations, 2022.

L.N. 243 of 2022: Regulator for Energy and Water Services Act (Cap. 545); Water Supply (Amendment) Regulations, 2022.

L.N. 244 of 2022: Regulator for Energy and Water Services Act (Cap. 545); Electricity Supply (Amendment No. 2) Regulations, 2022.

11th October, 2022

No. 1383

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Avukati
Zerafa, Dott. Albert

B'Awtorità
Dr Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Il-11 ta' Ottubru, 2022
MJEG 21/2021/4

Nru. 1384

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
11.10.2022	€56.120	€0.678

Il-11 ta' Ottubru, 2022

Nru. 1385

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq

Bis-saħħa tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq Gabriele Henin, Pembroke (kif indikat fuq il-pjanta f'paġna 14,039).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

Aktar informazzjoni jew għajnuna jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

Il-11 ta' Ottubru, 2022

Advocates
Zerafa, Dr Albert

By Authority
Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

11th October, 2022

No. 1384

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
11.10.2022	€56.120	€0.678

11th October, 2022

No. 1385

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation


In virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq Gabriele Henin, Pembroke (as indicated on site plan on page 14,039).

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

Furture information or assistance can be obtained via email to (info.im@infrastructuremalta.com).

11th October, 2022



INFRASTRUCTURE MALTA

Issue	Notes	Drawn	Chcked	Apprvd	Date

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2022\Pembroke\2022 Pembroke.dwg

UNIT NAME: MAINTENANCE

HEAD OF UNIT: D.V.

PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: PEMBROKE
TRIQ GABRIEL HENIN
- SITE PLAN
(Extents of works aren't binding but Indicative)

DATE:	FILE NO:	DRAWING NO:
OCT 2022	-	IMD230/22

SHEET SIZE:	SCALE:	REVISION:	PAGE NO:
A4	1:2500	A	3

Nru. 1386

KODIĊI KUMMERĊJALI
(KAP. 13)

Lista ta' Aġenti tal-Kummerċ

LISTA ta' Aġenti tal-Kummerċ maħruġa mill-Kamra tal-Kummerċ sal-31 ta' Jannar, 2022, skont l-artikolu 71 (4) tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13).

Il-11 ta' Ottubru, 2022

Nru. tal-liċenza *Licence No.*	Kumpanija *Company*	Isem u Kunjom *Name and Surname*	Indirizz *Address*
8	VADALA CO. LTD.	Thomas Agius-Vadala	16, Triq Il-Kummerc, Qormi
20	W.J. PARNIS ENGLAND LTD.	Stephen Parnis England	60, South Street, Valletta.
27	RAGONESI & CO. LTD.	Roberto Ragonesi	98/8 Melita Street, Valletta CMR 01.
37	FRANK J. DOUBLESIN LTD.	David Doublesin	59 N. Isouard Street, Sliema SLM 2084.
96	RELIANCE COMMERCIAL AGENCY	Josie Ellul Mercer	20/4, Republic Street, Valletta VLT04.
108	MICALLEF & ZAMMIT LTD.	Paul S. Camilleri	31, Old Bakery Street, Valletta.
119	JOSEPH CACHIA & SONS LTD.	Pier Luca Demajo	Demajo House, 103 Archbishop Street, Valletta.
324	ALBERT F.S. MANDUCA LTD.	A. Falzon Sant Manduca	229/230 St. Paul Street, Valletta VLT07.
326	CASSAR BROS.	Anne Sultana	Zachary Street, Valletta.
433	ALFRED HILI & CO. LTD.	Irene Spiteri Hili	17 Guze Galea Street, Qormi QRM 2106.
457	GAUCI ENTERPRISES	Frank Gauci	Flat 1, Leone Court, Nursing Sisters, Sliema SLM 13.
484	ALFRED GERA & SONS LTD.	Edward Baker	Triq Il-Masgar, Qormi QRM09.
689	S. MIFSUD & SONS LTD.	Simon Mifsud	65 Birkirkara Hill, St Julians STJ 1143.
697	ZAMMIT GROUP OF COMPANIES	Joseph Zammit	Territorials Street, Mriehel By-Pass, Mriehel BKR 14.
819	V.J. SALOMONE LTD.	Victor A. Galea	Upper Crossroads, Marsa.
841	E.H. BONNICI LTD.	Anthony Bonnici	193, St. Lucia Street, Valletta VLT 06.
880	VIRTU FERRIES LTD.	Francis A. Portelli	"Virtu", Ta'Xbiex Terrace, Ta' Xbiex MSD 11.
905	BOTC LTD.	Matthew Ellul Sullivan	Exchange Buildings, Republic Street, Valletta.
997	E. THEUMA & CO. LTD.	Charles A. Zahra	302, St. Paul Street, Valletta VLT 07.

No. 1386

COMMERCIAL CODE
(CAP. 13)

List of Commission Agents

LIST of Commission Agents issued by the Chamber of Commerce as at 31st January, 2022, in accordance with section 71 (4) of the Commercial Code (Cap. 13).

11th October, 2022

Nru. tal-liċenza *Licence No.*	Kumpanija *Company*	Isem u Kunjom *Name and Surname*	Indirizz *Address*
1013	JOSEPH PITRE LTD.	Joseph Pitre	Mdina Road, Qormi.
1029	JRD SYSTEMS LTD	John E. Sullivan	79 Tigne Street, Sliema.
1036	G. VELLA & SONS LTD.	Simon Vella	111, Pinto Road, Marsa HMR 12.
1080	J.P. BALDACCHINO & CO. LTD.	Dennis Baldacchino	Dar Ninu, Gudju Ghaxaq By-Pass, Ghaxaq.
1090	CALPAC TRADERS LTD.	Christopher Calleja	201, Xatt Ghassara Ta' L-Gheneb, Marsa HMR 12.
1121	CROWN ADVERTISING LTD.	Derek Fenech	191/1 Tower Road, Sliema SLM 1602.
1132	CONTINENTAL PURCHASING CO. LTD.	Alfred Cuschieri	35, Msida Road, Gzira GZR 03.
1136	GAUCI BORDA & CO. LTD.	Myra Gauci Borda	53/54, Msida Road, Gzira GZR 03.
1145	ALPINE HOLDINGS LTD.	Anthony G. Zahra	"Alpine House", Naxxar Road, San Gwann.
1182	WEMBLEY STORES CO. LTD.	Emmanuel Gauci	305, Republic Street, Valletta.
1189	JOHN PULLICINO	John Pullicino	56, Kannizzata Street, Balzan
1195	BECKS GRAPHICS LTD.	William N. Beck	St. Julians Road, San Gwann SGN09.
1200	PHILIP A. TABONE TRADING AGENCY	Philip A. Tabone	212/6 Tower Point Mansions, Tower Road, Sliema.
1218	ZAGAY BROS. CO. LTD.	Marcel Muscat	c/o Hedera Buildings, Mikielang Sapiano Street, Zebbug ZBG 05.
1239	JOHN FARRUGIA LTD.	John Robert Farrugia	Timber Merchants, Dejma Road, Tarxiex PLA 14.
1250	SULLIVAN SHIPPING AGENCIES LTD.	John E. Sullivan	Exchange Buildings, Republic Street, Valletta VLT 1117.
1259	ARROWSWIFT LTD.	Christian Galea	Triq is-Sinzell, Qormi.
1298	NORMAN XERXEN	Norman Xerxen	Sant Antnin, Triq Il-Wasliet, Swieqi STJ 11.
1311	KELLY IMPORTS	Vincent Calleja	329, St. Paul Street, Valletta.
1337	ATTARD SERVICES LTD.	Kenneth Attard	53, Tanks Street, B'Bugia BBG 02.
1347	E.J. BUSUTTIL LTD.	Edwin Busuttil	Niche, Triq Ix-Xorrox, B'Kara BKR 12.
1352	WANDS LTD.	Pierre Stafrace	303, Qormi Road, Marsa HMR17.
1370	FRENDO ENTERPRISES CO LTD	Noel Frendo Jones	15/11, Vincenti Bldgs, Strait Street, Valletta.
1373	ERNEST GALEA	Ernest Galea	13, Zejtun Road, Marsaxlokk.
1376	COLLIS WILLIAMS LTD.	Eric J. Fenech Pace	300, Republic Street, Valletta.
1379	MCE LTD.	Ivor J. Puglisevich	MCE, House, Triq l-Industrija, Qormi QRM 09.
1402	SMW CORTIS LTD.	Joseph Cortis	Cortis Buildings, Mdina Road, Zebbug ZBG 05.
1430	J.M. SCICLUNA	Joseph Scicluna	No. 2, Ellington Flats, Triq L' Oleandru, San Giljan STJ 12.

Nru. tal-liċenza *Licence No.*	Kumpanija *Company*	Isem u Kunjom *Name and Surname*	Indirizz *Address*
1434	ALPHACOM INT SERVICES CO. ALCOM ENT. CO. LTD.	Frank V. Farrugia	Guze Duca Street, Qormi QRM 9080.
1442	FORTUNA ENTERPRISES LTD.	John Cassola	37, St. Valentine Street, Balzan BZN 06.
1444	IMNARA LTD.	Carmel Micallef	Micallef Cilia House, Mriehel Industrial Estate, Qormi QRM 17.
1454	INTERNATIONAL EXPORTERS	R.C. Sharma	No. 3 "Blessings", Kromb Street, Attard BZN 13.
1463	PAUL CAMILLERI	Paul Camilleri	37, Is-Saltna Taghna, Triq It-Tursin Ir-Rih, Attard BZN 13.
1465	VICTOR P. CHETCUTI	Victor P. Chetcuti	"Begonia", San Andrea Street, San Gwann SGN05.
1473	CIANCIO (1913) LTD.	Daniel Debono	Ciancio House, Cannon Road, Qormi.
1474	A.V. CRITIEN CO. LTD.	Anthony V. Critien	KW24, Kordin Industrial Estate, Paola PLA 3000
1482	Firm JOSEPH LANZON	Katrina Lanzon	The Pines, Madliena Hill, Madliena
1484	VICTOR J. PACE MOORE	Victor J. Pace Moore	79 Flat 2, St Ursula Street, Valletta vlt 1484
1485	CEB GROUP	Robert Camilleri	Triq L-Iskola Teknika, Mriehel Industrial Estate, Mriehel.
1486	ROBERT ARRIGO & SONS LTD.	Alan Arrigo	48 Main Street, St Julians
1492	CARMELO CARUANA CO LTD	Darin Zahra	Nineteen twenty three, Valletta Road, Marsa.

Lista ta' Aġenti tal-Kummerċ li Tneħħew

Lista ta' Aġenti tal-Kummerċ li tneħħew sal-31 ta' Diċembru, 2021, skont Regolament 5 (3) tal-Leġiżlazzjoni Sussudjarja 13.01.

Il-11 ta' Ottubru, 2022

List of Commission Agents Struck Off

List of Commission Agents who have been struck off as at 31st December, 2021, in accordance with Regulation 5 (3) of Subsidiary Legislation 13.01.

11th October, 2022

Nru. tal-liċenza *Licence No.*	Kumpanija *Company*	Isem u Kunjom *Name and Surname*	Indirizz *Address*
857	CARMELO PACE / DEFRANCO ENTERPRISES	Carmelo Pace	P.O. Box 5, Qormi.
1420	R.P. MILLER	Maj. Raymond Patrick Miller	88 Windsor Court, Fl 17, Triq Windsor, Sliema SLM 1856.
1019	VINADEL TRADING	Vincent Schembri	2A,St. Elias Street, St. Julian's STJ 08.
1097	EMANUEL BRIFFA	Giovanni Briffa	"Ernestina House", Fleur-de-Lys Junction, B'Kara BKR 02.
1223	SALV. BEZZINA & SONS LTD.	Anthony Bezzina	1 - 3, Church Wharf, Marsa LQA 06.
1491	RUZANNA NAHAPETYAN	Ruzanna Nahapetyan	13 Alfred Gerada Street, Iklin

Nru. 1387

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMĠARR

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fl-Imġarr, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 1387

NUMBERING OF DOORS AT L-IMĠARR

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at L-Imġarr, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

L-IMĠARR

TRIQ IL-PLEJJU

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Ganfra

Left side entering from Triq il-Ganfra

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Mġarr Sports Bar	1
Mġarr Football Ground	3
Mġarr Tennis Club	5
Garaxx	7
3, St Joseph	9
Garaxx	11
7, Ta' Pace	13
9, Edera	15
Garaxx	17
13, Madonna tal-Ħniena	19
Garaxx	21
Garaxx	23
19, Sunflower	25
Bieb bla numru	27

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Ganfra

Right side entering from Triq il-Ganfra

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	2
Block A	4
Garaxx	6
2, Maria Bambina	8
Garaxx	10
Bieb bla numru (Flettijiet)	12
8, Vicsil	14
10, Medlar	16
Garaxx	18
14, Camelia	20
16, Għajn Sfurija	22
Garaxx	24
18, Rampil	26
Garaxx	28
20, Alemar	30
55, Isabelle	32
Taraġ għall-basement (Garaxxijiet)	34
2, Krypton	36
Bieb bla numru	38

Il-11 ta' Ottubru, 2022

11th October, 2022

Nru. 1388

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MELLIEĦA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fil-Mellieħa, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 1388

NUMBERING OF DOORS AT IL-MELLIEĦA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Il-Mellieħa, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

IL-MELLIEĦA

TRIQ IL-VITORJA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq it-Tgħam

Left side entering from Triq it-Tgħam

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	1

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq it-Tgħam

Right side entering from Triq it-Tgħam

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	2

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	3	Garaxx	4
Garaxx	5	Lourdes (Flettijiet)	6
Garaxx	7	Garaxx	8
Garaxx	9	Garaxx	10
Garaxx	11	Bieb bla numru (Dar)	12
Garaxx	13	Garaxx	14
Garaxx	15	St John House	16
Garaxx	17		
Garaxx	19		
Garaxx	21		
Garaxx	23		
Garaxx	25		

Il-11 ta' Ottubru, 2022

Nru. 1389

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BURMARRAD, SAN PAWL IL-BAĦAR

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 800 tat-30 ta' Awwissu, 2011, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'San Pawl il-Baħar', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

11th October, 2022

No. 1389

NUMBERING OF DOORS AT BURMARRAD, SAN PAWL IL-BAĦAR

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 800 dated 30th August, 2011, under the title 'Renumbering of doors at San Pawl il-Baħar', the following amendments in **bold** should be made.

BURMARRAD, SAN PAWL IL-BAĦAR

1. TRIQ BURMARRAD

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Bidnija
Left side entering from Triq il-Bidnija

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Bidnija
Right side entering from Triq il-Bidnija

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
24, M.U.S.E.U.M	229		
Ħanut	231		
23	233		
Ħanut	235		
Bieb bla numru (Dar)	237		
20	239		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
229, M.U.S.E.U.M	229		
Bieb bla numru	231		
233, The Onyx Business Centre	**233**		
Garaxx	**233A**		
235	**235**		
237, Sian Apartments	**237**		
239	239		

Il-11 ta' Ottubru, 2022

11th October, 2022

Nru. 1390

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMĠARR

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 160, tat-18 ta' Frar, 2011, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fl-Imġarr', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

No. 1390

NUMBERING OF DOORS AT L-IMĠARR

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 160, dated 18th February, 2011, under the title 'Renumbering of doors at Imġarr', the following prolongation in **bold** should be made.

L-IMĠARR

TRIQ L-AMAROZ

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Ganfra *Left side entering from Triq il-Ganfra*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Ganfra *Right side entering from Triq il-Ganfra*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Dar)	41		

għandu jiżdied
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	**43**		

Il-11 ta' Ottubru, 2022

11th October, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 175 tal-2022

Rolex Middle Sea Race – 2022

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf li r-Royal Malta Yacht Club se jorganizza r-Rolex Middle Sea Race nhar is-Sibt, 22 ta' Ottubru, 2022. B'żieda ma' dan se ssir ukoll tellieqa max-xatt nhar l-Erbgħa, 19 ta' Ottubru, 2022.

Il-programm tat-tlielaq se jkun kif ġej:

a) L-Erbgħa, 19 ta' Ottubru, 2022

It-tellieqa max-xatt tibda fl-10.00 a.m.

It-tellieqa se tibda mill-Port ta' Marsamxett, mil-linja immaġinarja mit-torri tal-Fortizza ta' Tignè sal-kantuniera tas-sur fuq in-naħa tal-Punent tal-Fossa fil-Belt Valletta. Meta joħorġu mill-Port ta' Marsamxett huma jkomplu lejn Kemmuna u/jew Għawdex u jispiċċaw fil-Port ta' Marsamxett.

Il-baħħara huma mitluba biex ma jostakolawx il-mogħdija f'Marsamxett waqt il-bidu tat-tellieqa max-xatt mill-9.45 a.m. sal-10.45 a.m. u joqogħdu attenti matul il-kumplament tal-ħin tat-tellieqa tal-Erbgħa, 19 ta' Ottubru, 2022.

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 175 of 2022

Rolex Middle Sea Race – 2022

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the Royal Malta Yacht Club will be holding the Rolex Middle Sea Race on Saturday, 22nd October, 2022. In addition, a coastal race will also be held on Wednesday, 19th October, 2022.

The race programme is as follows:

a) Wednesday, 19th October, 2022

The coastal race starts at 10.00 a.m.

The start is from Marsamxett Harbour, at an imaginary line from the tower of Il-Fortizza ta' Tignè to the corner of the bastion on the western side of Il-Fossa in Valletta. When they exit Marsamxett Harbour they will proceed, to Comino and/or Gozo and finish at Marsamxett Harbour.

Mariners are requested to keep the Marsamxett fairway clear during the start of the coastal race between 9.45 a.m. and 10.45 a.m. and to keep a sharp lookout during the remaining hours of Wednesday 19th October 2022.

b) Is-Sibt, 22 ta' Ottubru, 2022

Ir-Rolex Middle Sea Race se tibda għall-ħabta tal-11.00 a.m.

It-tellieqa se titlaq mill-Port il-Kbir, minn linja immaġinarja minn żubrun li jintefaħ ħdejn il-Ponta ta' Sant' Anġlu sal-arblu tal-Valletta Saluting Battery.

Wara l-yachts jiġbdu f'direzzjoni lejn il-Grigal tul il-kanal tal-Port il-Kbir għal żubrun isfar li jintefaħ, li jkollu fuqu l-logo tal-isponsor, marbut barra l-Breakwater ta' Sant'Iermu. Iż-żubrun muri bħala 1 (kif jidher fuq Chart 1 u 2 li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) se jkun fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

Latitudni (T)	*Lonġitudni (L)*
35º 54'.160	014º 31'.540

Qed tiġi stabbilita żona ristretta ta' 200m madwar il-Baga 1.

Il-yachts wara jiġbdu fid-direzzjoni lejn il-Majjistral lejn is-Sikek ta' San Ġorġ fejn se jkun hemm it-tieni żubrun li jintefaħ, li jkollu fuqu l-logo tal-isponsor, fil-pożizzjoni tiegħu. Iż-żubrun muri bħala 2 (kif jidher fuq Chart 2 li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) se jkun fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

Latitudni (T)	*Lonġitudni (L)*
35º 55'.650	014º 30'.070

Qed tiġi stabbilita żona ristretta ta' 200m madwar il-Baga 2.

Huma jimxu fuq il-korsa kif jidher fuq Chart 2 li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-yachts imbagħad jiġbdu fid-direzzjoni ta' Grieg it-Tramuntana lejn Sqallija.

Il-baħħara għandhom ibaħħru b'attenzjoni u joqogħdu attenti meta jkunu qrib ir-rotot u l-pożizzjonijiet imsemmija hawn fuq u, meta jintlemħu, iżommu bogħod minn min ikun qed jieħu sehem.

Huma għandhom jibqgħu mill-inqas 200m bogħod miż-żubruni li jintefħu 1 u 2 imsemmija hawn fuq.

Il-baħħara huma avżati biex is-Sibt, 22 ta' Ottubru, 2022, bejn id-9.00 a.m. u t-3.00 p.m. jew ħin ieħor kif imħabbar fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS, jekk ikun qabel, il-Port il-Kbir se jkun magħluq għall-bastimenti kollha li ma jkunux direttament involuti fit-tellieqa.

b) Saturday, 22nd October 2022

The Rolex Middle Sea Race starts at approximately 11.00 a.m.

The start is from the Grand Harbour, at an imaginary line from an inflatable buoy near Saint Angelo Point to the Valletta Saluting Battery mast.

The yachts shall then proceed in a North - Easterly direction along the Channel in the Grand Harbour to an inflatable buoy, bearing the sponsor's logo, positioned outside the Saint Elmo Breakwater. The buoy shown as 1 on charts 1 and 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) will be in the following approximate position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 54'.160	014º 31'.540

A 200m restricted zone is being established around Buoy 1.

The yachts shall then proceed in a North – Westerly direction towards St George's Shoals where a second inflatable buoy, bearing the sponsor's logo will be positioned. The buoy shown as 2 on the chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) will be in the following approximate position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 55'.650	014º 30'.070

A 200m restricted zone is being established around Buoy 2.

They will follow the course as shown on the chart 2 found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The yachts shall than proceed in a North – North Easterly direction towards Sicily.

Mariners and spectators are to navigate with caution and to keep a sharp lookout when in the vicinity of the above-mentioned courses and when sighted, give the participants a wide berth.

They are also to keep at least 200m away from the inflatable buoys 1 and 2 mentioned above.

Mariners are advised that on Saturday, 22nd October, 2022 from 9.00 a.m. till 3.00 p.m. or such time as may be communicated on VHF channel 12 u/jew 16 by Valletta VTS, if earlier, the Grand Harbour shall be closed for all traffic not directly related to the race.

Matul dawn il-ħinijiet il-bastimenti l-oħra kollha se jkunu meħtieġa jibqgħu fiż-żoni murija fin-naħa ta' ġewwa tal-port sa Ras Ħanżir fid-Daħla tat-Tarzna, id-Daħla tal-Kalkara u l-Bajja tar-Rinella. (kif jidher fuq Chart 1 li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)).

L-ebda bastiment ma jitħalla viċin il-moll ħdejn il-pixkerija minħabba li dan il-moll qed ikun riservat għal bastimenti ta' emerġenza biss.

Il-baħħara għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi u mal-uffiċjali tal-infurzar marittimu li jkunu fl-inħawi. Barra minn hekk għandhom jobdu struzzjonijiet li jingħataw fuq VHF Channel 12 u/jew 16 mill-Valletta VTS.

Il-pożizzjonijiet jinsabu f'WGS 84 Datum

Charts affettwati: BA 177, 2537, 2538

Il-11 ta' Ottubru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 37 tal-2022

Emenda għal Avviż lill-Baħħara Nru. 33 tal-2022 dwar sondaġġ għal rotta proposta tal-cable għat-tieni interconnector – Offshore

B'referenza għal Avviż lill-Baħħara Nru. 33 tal-2022.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li is-sondaġġi investigattivi mhux se jitlestew fiż-żmien kif ippjanat. Għalhekk, id-data tat-tlestija qed tiġi estiża sat-Tnejn, 31 ta' Ottubru, 2022.

Avviż lill-Baħħara Nru. 33 tal-2022 għandu jiġi emendat skont dan.

L-informazzjoni l-oħra kollha msemmija f'Avviż lill-Baħħara Nru. 33 tal-2022 se tibqa' valida.

Charts affettwati: BA 194, 2123, 2124, 2537, 2538 and Int. 301

Il-11 ta' Ottubru, 2022

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA

Kostituzzjoni ta' Malta (Artikolu 96B(1))

Ħatra ta' Mħallfin

Il-Ministru għall-Ġustizzja jistieden applikazzjonijiet għall-ħatra ta' żewġ (2) Imħallfin.

During these times all other vessels shall be required to remain within designated areas in the inner harbour up to Ras Hanzir, in Dockyard Creek, Kalkara Creek and Rinella Bay. (areas are shown on attached chart 1found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)).

No vessel will be allowed at the quay next to the fish market as this quay is being reserved for emergency vessels only.

Mariners are instructed to cooperate with the organizers and Maritime Enforcement officers in the area. Moreover, they are to obey any instructions given on VHF channel 12 and /or 16 by Valletta VTS.

Positions are in WGS 84 Datum.

Charts affected: BA 177, 2537, 2538.

11th October, 2022

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 37 of 2022

Amendment to Notice to Mariners No. 33 of 2022 regarding survey for proposed cable route for second interconnector – Offshore

Reference is made to Notice to Mariners No. 33 of 2022.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that the investigative surveys will not be completed within the time, as planned. The completion date is therefore being extended to Monday, 31st October, 2022.

Notice to Mariners No. 33 of 2022 is to be amended accordingly.

All the other information mentioned in Notice to Mariners No. 33 of 2022 will remain valid.

Charts affected: BA 194, 2123, 2124, 2537, 2538 and Int. 301

11th October, 2022

MINISTRY FOR JUSTICE

Constitution of Malta (Article 96B (1))

Appointment of Judges

The Minister for Justice is inviting applications for the appointment of two (2) Judges.

L-applikanti għandhom jissodisfaw il-kriterji tal-Artikoli 96 u 96B(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ħadd ma jkun kwalifikat biex ikun maħtur Imħallef kemm-il darba għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw b'kollox għal mhux anqas minn tnax-il sena ma jkunx jew eżerċita bħala avukat f'Malta jew serva bħala Maġistrat f'Malta, jew f'parti hekk eżerċita u f'parti hekk serva.

L-applikazzjonijiet jiġu evalwati mill-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura stabbilit permezz ta' Artikolu 96A tal-Kostituzzjoni.

Applikazzjonijiet għandhom jinkludu d-dokumenti kollha mitluba fi (https://judiciary.mt/en/Pages/JudicialAppointments-Committee.aspx). Dawn għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Ottubru, 2022, u għandhom ikunu indirizzati lil:

Segretarju tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura
Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati
Binja San Tumas Moore
Triq id-Dejqa
Il-Belt Valletta

Il-11 ta' Ottubru, 2022

Applicants must fulfil the conditions set out in Articles 96 and 96B(2) of the Constitution of Malta. Nobody shall be qualified to be appointed Judge unless for a period of, or periods amounting in the aggregate to, not less than twelve years s/he has either practised as an advocate in Malta or served as a Magistrate in Malta or has partly so practised and partly so served.

Applications will be vetted by the Judicial Appointments Committee established by virtue of Article 96A of the Constitution.

Letters of application including all the documents requested in (https://judiciary.mt/en/Pages/Judicial-Appointments-Committee.aspx) should be submitted by not later than noon of Tuesday, 25th October, 2022, and should be addressed to:

The Secretary, Judicial Appointments Committee
Courts Services Agency
St Thomas Moore Building
Triq id-Dejqa
Valletta

11th October, 2022

AWTORITÀ GĦALL-INTEGRITÀ FL-ISPORT MALTI

Pool ta' Esperti fl-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti

AIMS se tkun qed tirċievi applikazzjonijiet mingħand persuni interessati biex iwettqu dmirijiet fuq bażi ta' 'Kuntratt għal Servizz' bħala esperti. It-tul ta' dan l-inkarigu jkun għal perjodu definit ta' 24 xahar.

L-Esperti se jkunu mistennija jaħdmu fl-oqsma tal-Awtorità u għal numru ta' siegħat kif mitlub mill-Awtorità fosthom tmiem il-ġimgħa u festi pubbliċi.

Id-dmirijiet marbuta ma' dan ir-rwol huma kif ġej:

Liġi tal-isport u xogħol relatat legali
Xogħol relatat finanzjarju u analiżi finanzjarja mal-Ispeċjalizzazzjoni Sport
Tabib Mediku GP b'interess ġenerali fl-isport
Awditur tas-Sistemi biex jirrevedi r-rekwiżiti legali
Awditur tas-Sistemi biex jirrevedi r-rekwiżiti finanzjarji
Curriculum Drafters bi sfond akkademiku fl-isport
Servizzi ta' abbozzar ta' offerti

Il-persuni interessati għandu jkollhom il-kwalifiki u l-ħiliet meħtieġa għall-kompitu:

jaħdmu f'ambjenti b'ritmu mgħaġġel u taħt pressjoni.
ħila li jaħdmu f'tim u individwalment

AUTHORITY FOR INTEGRITY IN MALTESE SPORT

Pool of Experts in Authority for Integrity in Maltese Sport (AIMS)

AIMS will be receiving applications from interested persons to perform duties on a 'Contract for Service' basis as experts. The duration of this assignment will be for a period of 24 months.

The Experts will be expected to work within the areas of the Authority and for a number of hours as requested by the Authority including weekends and public holidays.

The duties attached to this role are as follows:

Sports law and legal related work
Financial related and financial analysis work with Sport Specialisation
Medical GP with a general interest in sport
Systems Auditor to review legal requirements
Systems Auditor to review financial requirements
Curriculum Drafters with an academic background in sport
Tendering drafting services

Interested persons are to have the necessary qualifications and skills for the task:

works in fast-paced, high-pressure environments
ability to work in a team and individually

awtomotivati
jaħdmu fuq inizjattiva proprja biex isolvu l-kunflitti b'mod proattiv u jindirizzaw kwistjonijiet
ħiliet ta' negozjar
jirrisolvu problemi
ħiliet organizzattivi b'saħħithom

Apparti li jkollhom il-ħiliet meħtieġa, l-individwi interessati għandu jkollhom Livell 7 tal-MQF u 4 snin esperjenza rilevanti. Id-ditti huma eliġibbli biex japplikaw sakemm il-persuni li jwettqu x-xogħol ikollhom il-kwalifiki akkademiċi u l-esperjenza meħtieġa u Curriculum Vitae tal-persuna li twettaq ix-xogħol/i jkunu inklużi mas-sottomissjoni.

Espressjonijiet ta' interess akkumpanjati minn Curriculum Vitae dettaljat, ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija (maħruġ fi żmien xahar mid-data tal-applikazzjoni) u kopji taċ-ċertifikati tal-kwalifiki jintlaqgħu permezz ta' ittra elettronika lil (ryan.c.borg@aims.org.mt) sa nofsinhar it-Tlieta, 25 ta' Ottubru, 2022.

Il-11 ta' Ottubru, 2022

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami meħtieġ għall-applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni għal persuni li jagħmlu Installazzjoni tal-Elettriku Awtorizzazzjoni A u B – Lulju 2022

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat finali ġie pubblikat u wieħed jista' jmur jarah fl-Edu Servizz.gov, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana, u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Il-11 ta' Ottubru, 2022

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet tal-Edexcel Londra Jannar 2023

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li applikazzjonijiet online se jkunu aċċettati għall-Eżamijiet tal-Edexcel Londra Jannar 2023 minn nhar l-Erbgħa, 19 ta' Ottubru, 2022 sat-Tnejn, 20 ta' Ottubru, 2022 (iż-żewġ dati inklużi) billi wieħed jidħol fis-sit (www.myexams.gov.mt).

Il-11 ta' Ottubru, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta'

self-motivated
works on own initiative proactively solve conflicts and address issues
negotiating skills
problem solving
strong organisational skills

Apart from having the necessary skills, interested individuals are to have MQF Level 7 and 4 years' relevant experience. Firms are eligible to apply as long as the persons carrying the work possess the required academic qualifications and experience and a Curriculum Vitae of the person carrying the task/s are included with submission.

Expressions of interest accompanied by a detailed Curriculum Vitae, a Police conduct certificate (issued within 1 month of application date) and copies of qualifications certificates will be received by email to (ryan.c.borg@aims.org.mt) until noon on Tuesday, 25th October, 2022.

11th October, 2022

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Authorisation examination required for the application of Authorisation of a service provider for Electrical Installations Authorisation A and B – July 2022

The Director of Examinations notifies that the final result of the above-mentioned examination has been published and may be seen at the Edu Servizz.gov, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, and at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours.

11th October, 2022

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Edexcel London January 2023 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates that online late applications will be accepted for Edexcel London January 2023 Examinations on Wednesday, 19th October, 2022 and Thursday, 20th October, 2022, by logging in on (www.myexams.gov.mt).

11th October, 2022

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that

vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttieħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sat-18 ta' Ottubru, 2022, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2555 5446/70/97 bejn is-7.30 a.m. sa nofsinhar jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by the 18th of October, 2022, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone number 2555 5446/70/97 between 7.30 a.m. and noon or by sending an email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru. tar-Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
Fiat	Panda	Blu	DW229MA	L-Imtarfa
Fiat	Panda	Abjad	GD696KE	L-Imġarr
Nissan	March	Silver	ACG703	L-Imġarr
Toyota	Hilux	Blu	DAQ112	Il-Marsa
Fiat	Stilo	Silver	CK009JW	In-Naxxar
Fiat	Doblo	Silver	CV332JV	Il-Mosta
BMW	520	Iswed	GCE518	Il-Ħamrun
Lamborghini	Urus	Iswed	XA20CXY	Il-Belt Valletta
Peugeot	106	Aħdar	FBL168	San Ġiljan
Citroen	Berlingo	Abjad	IQZ964	Paceville
Range Rover	Evoque	Silver	LG63G0K	San Pawl il-Baħar
NIU	N1S	Abjad	JQZ944	Il-Belt Valletta
Toyota	Aygo	Abjad	TAR198	Il-Belt Valletta
Nissan	March	Silver	ACL859	Il-Belt Valletta
Toyota	Vitz	Iswed	KBN496	Il-Belt Valletta
NIU	N1S	Abjad	VQZ200	Il-Belt Valletta
NIU	N1S	Abjad	VQZ155	Il-Belt Valletta
NIU	N1S	Abjad	JQZ622	Il-Belt Valletta
NIU	N1S	Abjad	JQZ770	Il-Belt Valletta

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru. tar-Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis No.*	Lokalità ta' Tneħħija *Locality of Removal*
NIU	N1S	Abjad	VQZ044	Il-Belt Valletta
Suzuki	Baleno	Iswed	ILY203	Il-Mellieħa
Fiat	500	Abjad	ILB444	In-Naxxar
Renault	Megane	Silver	HN58MFZ	Il-Mellieħa

Il-11 ta' Ottubru, 2022

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviz ta' Emenda ta' Regola fl-Istatut

Ordni Nru. 15

Ngħarrfu b'dan illi regola numru 2 tal-Istatut ta' 'Koperattiva This is Co-op Ltd' giet emendata. Din l-emenda giet reġistrata mill-Bord tal-Koperattivi fil-5 ta' Settembru, 2022, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37(2) tal-Att Nru. XXX tal-2001.

Is-Sur Joseph Abela
Chairman
Bord tal-Koperattivi

Il-5 ta' Settembru, 2022
(CB 34/79/151)

11th October, 2022

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Amendment of Rule in Statute

Order No. 15

It is hereby notified that rule number 2 of the Statute of 'Koperattiva This is Co-op Ltd' has been amended. The Co-operatives Board has duly registered this amendment on the 5th September, 2022, in accordance with article 37(2) of Act No. XXX of 2001.

Mr Joseph Abela
Chairman
Co-operatives Board

5th September, 2022

UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI
MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 174.04), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol biex jidħol f'kuntratt ta' servizz mas-Sur Tarcisio Scicluna għall-provvediment ta' servizzi ta' mmaniġġjar fil-Compliance and Investigations Unit għal perjodu ta' 12-il xahar li jibda mill-1 ta' Ottubru, 2022 sat-30 ta' Settembru, 2023, jaħdem 30 siegħa fil-ġimgħa mħallsa b'rata ta' €26 VAT eskluża fis-siegħa għall-prezz ta' € 40,560.00 eskluża l-VAT.

Il-11 ta' Ottubru, 2022

OFFICE FOR THE COMMISSIONER FOR REVENUE
MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 174.04), the Direct Orders office is granting approval to the Commissioner for Revenue within the Ministry for Finance and Employment to enter into a contract for service with Mr Tarcisio Scicluna for the provision of management services at the Compliance and Investigations Unit for a period of 12 months starting from 1st October, 2022 up to 30th September, 2023, working 30 hours per week paid at the rate of €26 excluding VAT per hour for the cost of €40,560.00 excluding VAT.

11th October, 2022

UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI
MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 174.04), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol biex jidħol f'kuntratt ta' servizz ma' Dott. Carmel

OFFICE FOR THE COMMISSIONER FOR REVENUE
MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 174.04), the Direct Orders office is granting approval to the Commissioner for Revenue within the Ministry for Finance and Employment to enter into a

Grima għall-provvediment ta' servizzi legali għal perjodu ta' 6 xhur li jibda mill-1 ta' Settembru, 2022 sat-28 ta' Frar, 2023, imħallsa b'rata ta' €59 VAT eskluża fis-siegħa għall-prezz ta' € 22,635.00 eskluża l-VAT.

Il-11 ta' Ottubru, 2022

KUNSILL LOKALI SAN LAWRENZ

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz jgħarraf illi Pjazza San Lawrenz se tkun magħluq għat-ġirja annwali tal-5K nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru, 2022 mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Matul il-ġirja l-aċċess għat-toroq ta' hawn taħt se jkun ikkontrollat mill-uffiċjali preżenti, Aċċess se jkun ristrett biex tkun assigurata is-sigurtà matul il-ġirja.

It-toroq affettwati f'San Lawrenz huma:

Triq San Lawrenz, Pjazza San Lawrenz, Triq id-Duluri, Triq it-Torri, Triq it-Tieqa tad-Dwejra, Triq il-Ġebla tal-Ġeneral, Triq Ta Ciangura, Triq Dun Salv Portelli, Triq Nicholas Monserrat, Triq Ta' Bieb il-Għar, Triq Karmnu Grima u Triq il-Wileġ.

It-toroq affettwati fl-Għarb huma:

